MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 35/2010

**Nadia Boudina illum Xerri u zewgha Michael Nagelo Xerri li b'nota prezentata llum assuma l-atti ghan-nom ta' l-assenti martu**

**Vs**

**Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-15 ta' April 2010 l-attrici qeghda titlob korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg fis-sens li d-data tat-twelid taghha tigi korretta fis-sens li tkun l-1 ta' Jannar 1983 u mhux 1 ta' Jannar 1986 kif dikjarat fl-att tat-twelid.

Permezz ta' risposta guramentata fit-23 ta' April 2010 il-konvenut iddikjara li:-

(a) Kunjom l-attrici hu Xerri ghaliex maz-zwieg ghazlet kunjom zewgha.

(b) Fir-rigward tal-izball li sar il-konvenut ma ghandu l-ebda htija ghaliex kienet l-istess attrici li tathom l-informazzjoni.

Fl-ewwel lok il-qorti qeghda tordna korrezzjoni fir-rikors guramentat fis-sens li wara l-isem u kunjom Nadia Boudina jizdiedu l-kliem ***"illum Xerri"***.

Il-qorti rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Ghal dak li hu l-korrezzjoni li qeghda titlob l-attrici, mill-atti hu evidenti li d-data tat-twelid taghha hi 1 ta' Jannar 1983 u mhux 1 ta' Jannar 1986 kif dikjarat fl-att taz-zwieg. Min-naha l-ohra l-konvenut ghandu ragun li fl-att nizzel l-informazzjoni moghtija mill-attrici, u cjoe' traduzzjoni bil-lingwa Ingliza tac-certifikat tat-twelid Marokkin u dikjarazzjoni mahruga mill-Ministeru tal-Intern tal-Marokk li m'hijiex mizzewwga. F'dawn id-dokumenti, esebiti mill-konvenut flimkien mar-risposta guramentata, jinghad li l-attrici twieldet fl-1 ta' Jannar 1986. Dan hu ovvjament zball li l-konvenut m'ghandu l-ebda responsabbilta' ghalih.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg numru 175/2006 fis-sens li f'dik il-parti ntestata "Data u Post tat-Twelid u Dokument ta' Identifikazzjoni" in kwantu tirreferi ghall-attrici, id-data tat-twelid ta' Nadia Boudina llum Xerri ghandha taqra l-1 ta' Jannar 1983.**

**Spejjez a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------